MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## VERONICA GALEA DEBONO

Seduta tal-21 ta' Ottubru, 2008

Numru 1977/2005

Maltacom p.l.c. (C22334), u b'Digriet tal-20 ta' Novembru 2007, l-isem tal-kumpanija attrici inbidel ghal GO p.l.c.

Vs

John Dimech (Id. 50048M).

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta' attrici qed titlob il-hlas minghand il-konvenut tas-somma ta' mitejn u tnejn u tmenin lira Maltin u tmienja u sebghin centezmu (Lm282.78), liema ammont huwa dovut in konnessjoni mas-servizz telefoniku bin-numru 21370487. Illi minkejja li l-konvenut gie interpellat sabiex ihallas, baqa inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza. Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittri ufficjali datati 21 ta' Novembru 2003 u dik datata 14 ta' Ottubru 2005, u bl-imghaxijiet mid-data ta' l-istess ittra ufficjali datata 21 ta' Novembru 2003 kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta tal-konvenut li ecepixxa (i) preliminarjament il-preskrizzjoni kwinkwennali a bazi ta' l-artikolu 2156(f) tal-Kodici Civili; u (ii) bla pregudizzju ghall-premess u fil-mertu, l-ammont reklamat huwa esagerat u ma jirriflettix rati ta' dar residenzjali fejn kienet tinstab installata l-linja telefonika 21370487 in kwistjoni. Fil-fatt, is-socjeta' attrici bdiet tibghat kontijiet b'rati kummercjali ghaliex il-konvenut kien fis-sena precedenti gab reklam fuq fuljett biex jghin lil Knisja ta' Saint Andrews. Oltre dan, il-Maltacom xorta baqghet tohrog kontijiet anki wara li kien gie skunnettjat il-linja telefonika. Salv risposta ulterjuri.

Sema' x-xhieda tal-P.L. Noel Scerri prodott mis-socjeta' attrici.

Sema' x-xhieda tal-konvenut John Dimech.

Sema' x-xhieda ta' Richard Cachia prodott mill-konvenut.

Ra d-dokumenti kollha li gew esebiti.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

**Ikkunsidra.**

Illi fl-ewwel lok il-konvenut qieghed jecepixxi l-preskrizzjoni kwinkwennali a bazi tal-Artikolu 2156(f) tal-Kodici Civili, liema eccezzjoni ghandha tigi deciza qabel ma dan it-Tribunal jidhol biex jezamina l-mertu tal-kaz.

Illi l-Artikolu 2156(f) tal-Kodici Civili jiddisponi hekk kif gej:-

*'L-azzjonijiet hawn taht imsemmija jaqghu bi preskrizzjoni bl-eghluq ta' hames snin:*

*(f) l-azzjonijiet ghall-hlas ta' kull kreditu iehor li gej minn operazzjonijiet kummercjali jew minn hwejjeg ohra, meta l-kreditu ma jkunx jaqa', skond din il-ligi jew ligijiet ohra, taht preskrizzjoni aqsar, jew ma jkunx jirrizulta minn att pubbliku.'*

Illi s-socjeta’ attrici qed titlob minghand il-konvenut l-ammont ta’ Lm282.78 fuq kont telefoniku bin-numru 21370487, liema kont ikopri l-perjodu 10 ta’ April 1998 ‘l quddiem. Jirrizulta mill-atti illi gew mibghuta zewg ittri ufficjali mis-socjeta’ attrici lill-konvenut, liema ittri t-tnejn li huma gew notifikati lill-konvenut skond il-ligi. Dawn l-ittri huma datati 21 ta’ Novembru 2003 u 14 ta’ Ottubru 2005 rispettivament. Jirrizulta wkoll illi qabel ma giet ipprezentata l-ittra ufficjali tal-21 ta’ Novembru 2003, l-preskrizzjoni bl-ebda mod ma giet interotta, w ghalhekk it-Tribunal jidhirlu li kwalsiasi ammont mitlub li jirrisali ghal qabel id-data tal-21 ta’ Novembru tas-sena 1998 huwa fil-fatt preskritt bl-eghluq ta’ hames snin.

Illi ghalhekk l-ewwel eccezzjoni tal-preskrizzjoni tal-konvenut ghandha tigi milqugha limitatament fis-sens illi kull kont mahrug mis-socjeta’ attrici qabel il-21 ta’ Novembru 1998 huwa fil-fatt preskritt b’eghluq hames snin. Dan ifisser illi l-ammonti kollha mitluba ghall-perjodu mill-10/04/1998 sal-11 ta’ Novembru 1998, skond id-dokument ‘A’ esebit mis-socjeta’ attrici a fol. 2 tal-process, huma preskritti ai termini tal-Artikolu 2156(f) tal-Kodici Civli. B’kollox dawn jammontaw ghal Lm221.50.

Illi mill-qbilja ta’ l-ammont mitlub mis-socjeta’ attrici, dan m’huwiex milqut bil-preskrizzjoni ai termini tal-istess artikolu fuq imsemmi, u ghalhekk it-Tribunal ser jghaddi sabiex jezamina t-talba attrici fil-mertu.

Illi s-socjeta’ attrici ibbazat il-kontijiet taghha fuq rata kummercjali, u dan fejn jirrigwarda biss il-kera tal-linja, minhabba illi minn investigazzjonijiet taghha, rrizulta illi l-konvenut kien qieghed juza n-numru tat-telefon tad-dar tieghu anki sabiex jirreklama x-xoghol tieghu. Jirrizulta illi l-konvenut ma kellux numru tat-telefon iehor fejn il-klijenti tieghu setghu jcemplulu, u ghalhekk alavolja dan kien in-numru tat-telefon tad-dar tieghu, xorta wahda kien qieghed jintuza wkoll ghal skopijiet kummercjali.

Illi l-fatt li r-reklam sar fuq fuljett tal-Knisja tal-Parocca tieghu, ma jfissirx li dan ma kienx attwalment reklam,

ghaliex x'aktarx li dan il-fuljett gie distribwit mall-parrocca kollha bhal kwalsiasi fuljett jew rivista ohra. Anki jekk dan ir-reklam sar darba biss, xorta wahda jibqa l-fatt illi l-konvenut kien qieghed jaghmel uzu minn-numru telefoniku tieghu ghal skopijiet kummercjali.

Ghalhekk dan it-Tribunal jidhirlu li s-socjeta' attrici kienet altru milli gustifikata meta dawret ir-rati tas-servizz telefoniku tal-konvenut f'rati kummercjali, u ghalhekk il-kont mahrug minnha kien korrett.

Ghal dawn il-motivi, t-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi:-

(i) Jilqa' l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut limitatament fis-sens illi jiddikjara li l-ammont ta' hames mija u hmistax il-Ewro u sitta u disghin centezmu (€515.96), ekwivalenti ghal Lm221.50, huwa preskritt ai termini tal-Artikolu 2156(f) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

(ii) Jichad it-tieni eccezzjoni tal-konvenut u jilqa' t-talba attrici limitatament fis-sens illi jikkundanna l-konvenut ihallas is-socjeta' attrici l-kumplament tal-ammont mitlub minnha, u cioe l-ammont ta' mija u tnejn u erbghin Ewro u erba u sebghin centezmu (€142.74), ekwivalenti ghal Lm61.28, bl-imghaxijiet kif mitluba fl-Avviz.

(iii) Fic-cirkostanzi, l-ispejjes tal-kawza ghandhom jigu ssopportati kwantu ghal kwart mill-konvenut u tlett kwarti mis-socjeta' attrici.

**Av. Veronica W. Galea Debono**
**Gudikant.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------